MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 480/1997/1

**Maurice Meli Bugeja, f'ismu proprju u bhala kuratur ta' l-interdetta Antonia Meli Bugeja u Gladys mart Alfred Sant Fournier u l-istess Alfred Sant Fournier bhala**
**kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti ma' l-imsemmija**
**martu u anke bhala kuratur ta' l-imsemmija interdetta Antonia Meli Bugeja.**

**vs**

**Francis Vella u l-Kummissarju tal-Pulizija u r-Registratur tal-Qrati ghal kull interess li jista' jkollhom.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IS-SENTENZA APPELLATA**

1. B’sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta’ Jannar 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi, dik l-ewwel Qorti iddecidiet billi cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut appellant, (cioe` Francis Vella), cahdet l-ewwel, it-tielet u r-raba’ eccezzjonijiet tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u Registratur tal-Qorti u filwaqt illi laqghet it-tieni eccezzjoni taghhom u cioe` dik ta’ l-intempestivita` limitatament ghat-tieni talba attrici, iddikjarat u ddecidiet illi l-atturi appellati huma proprjetarji ta’ l-oggetti kollha elenkati fil-lista annessa Dokument A, kif ahjar dettaljata fil-lista Dokument AMBipprezentata fis-17 ta’ Novembru 2000, hlief ghal dawk l-oggetti indikati bhala DG-7, DG-35, DG-42, DG-44 u DG-61, dwar liema l-ewwel Onorabbli Qorti ma ppronunzjatx ruhha billi kien hemm talbiet konfliggenti fuqhom minn terzi persuni li ma kenux parti fil-kawza u rriservat kull dritt spettanti lill-atturi *si et quatenus* fuq dawn l-oggetti. Fl-ahharnett cahdet it-tieni talba attrici billi intempestiva. Rigward l-ispejjez, l-ewwel Qorti ddecidiet billi dawk li jikkoncernaw l-ewwel talba kellhom jithallsu mill-konvenut Francis Vella, filwaqt illi dawk li jirrigwardaw it-tieni talba attrici ghandhom jithallsu mill-atturi appellati.

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

2.1 Peress li skond il-konvenut hemm ragunijiet li jaggravawh bl-imsemmija sentenza, huwa interpona appell minnha ghal dak li jirrigwarda t-totalita` taghha.

2.2 L-aggravju tal-konvenut fi kliemu jikkonsisti f’dan li gej:-

Huwa tajjeb li jigu inkwadrati l-fatti fil-qosor. Illi fl-iljieli ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ Marzu u bejn il-25 u s-26 ta’ Marzu 1993, l-atturi appellati f’din il-kawza sofrew serqiet ta’ diversi oggetti mobbli proprjeta` taghhom u dana mill-fond “il-Palazz”, Wardija, limiti ta’ San Pawl il-Bahar. Illi

allegatament dawn l-oggetti gew misjuba fil-pussess ta' Francis Vella u elevati mill-pulizija flimkien ma' oggetti ohra mid-dar tar-residenza tieghu. Illi l-konvenut appellant dejjem sostna illi l-oggetti elevati mill-pulizija mir-residenza tieghu kienu kollha oggetti proprjeta` tieghu u li hu kien akkwista minghand diversi nies matul iz-zmien. L-oggetti elevati mill-pulizija gew esebiti fil-kawza kriminali "Il-Pulizija vs Francis Vella liema kawza tinstab pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u differita ghas-sentenza. L-oggetti llum huma mizmuma taht l-Awtorita` tal-Qorti, u cioe` f'idejn il-konvenut Registratur tal-Qrati, fl-edificju tal-Qorti. Illi ghalhekk l-atturi appellati intavolaw il-proceduri odjerni biex l-oggetti indikati minnhom u li jinsabu taht l-Awtorita` tal-Qorti jigu dikjarati li huma proprjeta` taghhom u li huma jkunu jistghu jiehdu lura dawn l-istess oggetti mobbli.

Minn dan ghalhekk konfrontat ma' l-istess sentenza appellata jirrizultaw skond l-appellant is-segwenti aggravji:-

**A. <u>L-ewwel aggravju</u>: Il-prova li rnexxielu jaghmel il-konvenut in konnessjoni mal-proprjeta` ta' l-oggetti mobbli mertu tal-kawza u dawk maghmula mill-atturi appellati.**

Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha stqarret illi "l-konvenut Vella ma rnexxielu jressaq ebda prova konkreta fir-rigward ta' l-oggetti reklamati mill-atturi bhala taghhom u dejjem tkellem b'mod generiku ghal dak li huwa n-negozju tieghu." Illi ghalhekk l-ewwel Qorti hasset illi ma kienx hemm provi cari prodotti mill-konvenut appellanti rigward it-titolu tieghu ghall-imsemmija oggetti. Illi l-konvenut appellanti bir-rispett kollu ghamel dikjarazzjoni fid-dettal rigward in-negozju tieghu ta' antikwarjat, semma n-nies minghand min kien jakkwista l-oggetti ta' antikita`, u anke kemm kien ilu f'dan in-negozju. Illi l-ewwel Qorti stess stqarret illi dan irrizulta mid-diversi ricevuti li gew esebiti mill-konvenut u mix-xhieda illi huwa tella in sostenn tad-difiza tieghu. Inoltre il-konvenut appellant ma kienx f'posizzjoni illi jesebixxi r-ricevuti kollha u d-dokumenti in sostenn ta' l-argumenti tieghu stante illi dawn il-karti kienu

wkoll gew elevati mill-pulizija u bosta minnhom huma esebiti fl-atti tal-kawza kriminali pendenti kontra tieghu.

Il-Qorti, imbaghad, min-naha l-ohra tghid illi "L-atturi identifikaw, in parti, l-oggetti ta' zewg serqiet li saret mir-residenza taghhom." Illi bir-rispett kollu il-provi illi gabu l-atturi kienu jikkonsistu biss f'faxxikolu maghmul minn xi wiehed mill-atturi kontenenti artikoli ta' gazzetti u xi ritratti. Bl-ebda mod ma saret konnessjoni bejn din il-prova u l-oggetti illi huma elenkaw fid-Dokument A, anness mac-citazzjoni. Tant hu veru illi meta il-kawza kienet diga` giet trattata u differita ghas-sentenza, l-ewwel Qorti hasset illi kellha tissosspendi l-prolazzjoni tas-sentenza biex l-atturi ikunu jistghu jidentifikaw l-oggetti allegatament proprjeta` taghhom mil-lista ta' l-oggetti elevati mill-pulizija u li kienu jinstabu taht l-Awtorita` tal-Qorti. Dan sar peress illi l-atturi ma kenux ghadhom f'dan l-istadju ahhari tal-kawza gabu l-ahjar prova in konnessjoni mat-titolu taghhom! Wara li sar dan l-ezercizzju fil-fatt irrizulta li kien hemm xi oggetti elenkati fid-Dokument A anness mac-citazzjoni illi huma ma identifikawx, kif ukoll li certi items illi gew imnizzla fid-Dokument A, jirrizultaw doppji fil-lista li saret fl-ahhar tal-kawza wara li saret l-identifikazzjoni fl-arkivji tal-Qorti, Dokument AMB. Inoltre hemm diversi oggetti li gew identifikati u li ma jirrizultawx fid-Dokument A, anness mac-citazzjoni. Minn dan l-assjem tac-cirkostanzi, allura, jista' wiehed jikkonkludi illi l-atturi irnexxielhom jippruvaw illi l-oggetti indikati minnhom huma fil-fatt proprjeta` taghhom? Tista' x-xhieda taghhom tinghata iktar piz minn dik tal-konvenut, meta huma biddlu anke l-lista minnhom maghmula, u dana wara li nghataw l-opportunita` illi jaghmlu dan mill-Qorti?

**B. <u>It-tieni aggravju</u> – il-provi cirkostanzjali**

Illi fost affarijiet ohra l-ewwel Qorti ikkonkludiet illi l-fatt illi marru diversi nies (skond is-Supretendent Gatt madwar mija) biex jidentifikaw l-oggetti huwa indikattiv illi l-oggetti mertu tal-kawza ma humiex proprjeta` ta' Francis Vella izda ta' l-atturi. Skond l-ewwel Qorti "din il-prova wahedha turi li ma ghandux jinghata affidament ghax-xhieda ta' l-istess konvenut Vella." Illi bir-rispett kollu din l-affermazzjoni moghtija mis-Supretendent Daniel Gatt

kellha tkun indikattiva tal-fatt illi huwa difficli biex wiehed jistabilixxi anke “*on a balance of probabilities*” min huwa il-proprjetarju ta’ l-oggetti maqbuda stante illi kien hemm diversi nies illi kienu qed jirreklamaw il-proprjeta` ta’ l-istess, u mhux vice versa. Dan gie stabbilit mill-konvenut appellanti fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza mill-fatt illi hemm provi cari u konklussivi illi mill-inqas hemm kunflitt fl-identifikazzjoni ta’ l-oggetti ma’ zewg familji ohra u cioe` mal-familja Ellis, kif ukoll mal-familja Testaferrata Bonici. Dan il-fattur wahdu kellu jwassal lill-ewwel Qorti biex tikkonkludi illi mhux biss ma setghetx tippronunzja ruhha fuq l-oggetti indikati DG-7, DG-35, DG-42, DG-44, u DG-61, izda fuq l-oggetti kollha li gew indikati mill-atturi appellati fil-lista taghhom Dokument A kif ukoll Dokument AMB. Dana peress illi allura hemm indikazzjoni illi tezisti l-possibilita` illi mill-istess oggett jezistu iktar minn kopja wahda u li allura l-oggett partikolari li jinsab fl-arkivji tal-Qorti mhux necessarjament huwa l-istess oggett li gie misruq mid-dar, proprjeta` taghhom u li ghalhekk mhux necessarjament jappartjenu lill-atturi appellati!

**C. <u>It-tielet aggravju</u>: In-nota pprezentata mill-konvenut appellanti fid-9 ta’ Jannar 2001.**

Illi l-konvenut appellanti ipprezenta nota fid-9 ta’ Jannar, 2001 fejn indika lill-Qorti liema kienu l-oggetti li rrizultaw mid-Dokument AMB, li gew ukoll identifikati mill-familja Ellis u mill-familja Testaferrata Bonici. Jidher madankollu mis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, illi l-istess Qorti ma haditx konjizzjoni ta’ din in-nota, ghal xi raguni jew ohra, ghalkemm l-istess giet ipprezentata mill-konvenut u notifikata lil Dr. Francis Lanfranco, u dana peress illi l-ewwel Qorti stqarret illi ma rrizulta illi l-ebda wiehed mill-oggetti reklamati mill-atturi appellati u inkluzi fil-lista Dokument A, ma gew reklamati mill-familja Testaferrata Bonici. Illi minn din in-nota jirrizulta illi kien hemm konfliggenza ohra fl-oggetti identifikati mill-atturi appellati fid-Dokument AMB u dana mal-listi ta’ l-oggetti identifikati mill-familja Testaferrata Bonici, esebiti u mmarkati Dokument JP1 u JP2. Dawn l-oggetti gew indikati mill-konvenut appellanti bhala DG-34, DG-39, DG-41, DG-56, DG-62, DG-67, DG-68, DG-97, DG-208 u DG-210. Illi ghalhekk rigward dawn l-oggetti l-ewwel Qorti kellha wkoll

tasal ghall-istess konkluzjoni illi waslet fuq l-oggetti l-ohra li rrizultaw identifikati mill-familja Ellis u dana peress illi anke fuq dawn jidher illi hemm dubbju car rigward il-proprjetarju taghhom. Illi ghal kull buon fini qed tigi esebita kopja ohra tan-nota pprezentata mill-konvenut appellanti fid-9 ta' Jannar 2001, kif ukoll kopja tar-ricevuta li turi illi l-istess giet ipprezentata u mhallsa, li qed jigu mmarkati bhala Dokument N1.

**D. <u>Ir-raba' aggravju</u> – L-ewwel talba ta' l-atturi appellati li giet milqugha.**

Illi l-ewwel talba ta' l-atturi appellati hija illi l-Qorti tiddikjara illi l-oggetti mobbli kollha indikati fl-anness Dokument A u dawk l-oggetti l-ohra li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, huma proprjeta` ta' l-atturi. Illi wara li sar l-ezercizzju min-naha ta' l-atturi appellati biex issir korrelazzjoni bejn il-lista Dokument A u l-lista ta' l-oggetti kif ippreparat mill-ufficjali tal-pulizija fl-atti ta' l-inkjesta, irrizulta, kif diga` intqal iktar 'il fuq, illi mhux l-oggetti kollha indikati fid-Dokument A gew identifikati mill-atturi fid-Dokument AMB. In-numri ma jsegwux u hemm hafna minnhom immarkati doppjament. Inoltre anke xi whud mill-oggetti illi gew eskluzi mill-ewwel Qorti ma kenux jiffurmaw parti mil-lista annessa bhala Dokument A, izda gew inseriti fid-Dokument AMB u mhux kif qalet l-ewwel Qorti, "Kif ahjar deskritti fid-dokument AMB". Id-dokument AMB bl-ebda mod ma jiddeskrivi d-Dokument A izda jaghtiha bixra kompletament differenti, billi zdiedu u tnaqqsu oggetti u anke xi whud minnhom gew indikati doppjament. Wiehed ghalhekk jistaqsi, liema huma l-oggetti li gew dikjarati proprjeta` ta' l-atturi appellati?

Inoltre bir-rispett kollu, il-piz tal-prova rigward it-titolu o meno ta' l-atturi appellati ghal dawn l-oggetti kienet tispetta lilhom. Ma jidhirx illi din il-prova saret b'mod car u konklussiv. Irrizulta wkoll li jezisti kunflitt car fuq l-identifikazzjoni ta' l-oggetti u anke konfuzjoni shiha min-naha ta' l-atturi fuq liema huma l-oggetti proprjeta` taghhom. Setghet l-ewwel Qorti, ghalhekk tghaddi biex tilqa' l-ewwel talba kif dedotta bl-eskluzjoni ta' xi oggetti uhud minnhom lanqas jiffurmaw parti mill-istess Dokument A, meta jirrizulta illi jonqos bl-iktar mod

lampanti prova konklussiva rigward dan it-titolu, b'diversi nies jirreklamaw l-istess oggetti!

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet premessi u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Vella. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kontroparti appellata.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' L-ATTURI**

3. L-atturi appellati wiegbu hekk:

Illi s-sentenza appellata hija gusta u legali u timmerita konferma fl-interezza taghha bl-ispejjez (hlief dawk allokati lill-atturi fl-istess sentenza) taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant ghaliex:

A. L-atturi pproducew l-ahjar prova sabiex jistabilixxu l-proprjeta` taghhom fuq l-oggetti mobbli kwistjoni ta' dina l-kawza. Apparti mix-xhieda ta' l-atturi moghtija fl-24 ta' April 1998 u apparti mil-listi ezibiti, gew ezibiti kwantita` ta' ritratti li minnhom setghu gew identifikati facilment kwazi l-oggetti mobbli kollha reklamati mill-atturi – Dok. AMB1. Bhalma jirrizulta mill-process, l-atturi kienu l-vittmi ta' zewg serqiet li graw fid-dar taghhom il-Wardija fl-iljieli ta' bejn il-15 u s-16 ta' Marzu 1993 u ta' bejn il-25 u s-26 ta' l-istess xahar. Filwaqt illi fl-ewwel serqa kienu insterqu is-'sopramobbli', fit-tieni serqa insterqu diversi pitturi taz-zejt u ghamara. Kien, ghalhekk, kwazi fortuitu illi wara l-ewwel serqa l-pulizija kienu gew ordnati mill-Magistrat inkwirenti sabiex jiehdu ritratti tal-kmamar tad-dar ta' l-atturi minn fejn kienu ittiehdu l-effetti mobbli. Ghalhekk meta saret it-tieni serqa il-pulizija diga` kellhom stampa cara ta' dak li naqas f'din l-okkazzjoni. Dawn ir-ritratti ukoll gew ezibiti mis-Supretendent Daniel Gatt fis-seduta tat-2 ta' Novembru 1998 u l-oggetti indikati f'dawn ir-ritratti huma l-istess oggetti li huma indikati fir-ritratti ezibiti minn mart l-attur appellat cioe` Anna Meli Bugeja u ghalhekk din tikkostitwixxi l-aqwa prova tal-'paternita`' ta' l-oggetti misruqin fit-tieni serqa.

L-istess Supretendent Gatt xehed 'in extenso' diversi drabi – ara xhieda moghtija fit-2 ta' Novembru 1998, fis-27

ta’ Jannar 1999 u fid-19 ta’ Novembru 1999 – u dina ix-xhieda tikkorrobora t-tezi attrici u tikkonferma “li hafna mill-affarijiet li kienu gew elevati mill-Pulizija kienu gew akkwistati mhux bis-sewwa” – ara verbal seduta 19 ta’ Novembru 1999 fol. 2 u 3.

Minn naha tieghu, il-konvenut appellant jallega illi “indika l-provenjenza ta’ kull oggett u cioe` l-persuna minghand min huwa kien akkwista l-oggett partikolari” pero` b’kumbinazzjoni kbira jghidilna illi dawn il-vendituri huma kwazi kollha mejtin illum u li ma kienx f’posizzjoni illi jezibixxi xi ricevuti u dokumenti ohra in sostenn ta’ l-argumenti tieghu stanti illi dawn il-karti kienu gew elevati lill-Pulizija! Illi, ghal dawk li ma kienux mejtin – il-konvenut jirreferi ghal nofs l-avukatura Maltija fosthom il-Professur Ganado, l-Avukat Albert Ganado, l-Avukat Giovanni Bonello u ohrajn – meta gie ppressat fil-kontro-ezami tas-6 ta’ Dicembru 1996 sabiex jixhed dwar dawk l-oggetti illi kien akkwista minghandhom irrizulta illi fil-fatt ma kien akkwista xejn! L-istess Anna Meli Bugeja kienet ukoll gharfet lill-istess appellant Vella bhala dak il-‘gate-crasher’ li kien attenda fir-residenza taghha il-festin illi hija tat ghall-gabillotti tad-dintorni tar-residenza taghha fil-festa ta’ Santa Marija tas-sena 1982 u cioe` l-ahhar Santa Marija qabel is-serqiet. Din ukoll hija prova ohra favur l-atturi.

B. Il-fatt illi kien hemm xi konflitt ta’ prova dwar l-identifikazzjoni ta’ numru zghir mill-oggetti mertu ta’ dina l-kawza – precizament hames oggetti – certament ma jistax ifisser illi l-oggetti l-ohra m’humiex ta’ l-atturi – kif qieghed jippretendi l-konvenut appellant. Il-kawza prezenti kienet miexja flimkien ma’ kawza ohra istitwita mill-familja Ellis kontra l-istess konvenut appellant, u dana fl-istess Qorti presjeduta mill-istess Imhallef, - citazzjoni nru. 730/94AJM – filwaqt illi ghad hemm pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta kawza ohra istitwita mill-familja Testaferrata Bonici. L-atturi fit-tlett kawzi lkoll talbu, *inter alia*, illi jigu dikjarati proprjetarji ta’ diversi oggetti mobbli li kienu gew misruqin minn ghandhom u huwa, ghal kollox normali u ovvju, illi f’kaz ta’ lista hekk enormi ta’ oggetti mobbli illi jkun hemm ftit konfuzjoni dwar l-identifikazzjoni ta’ whud mill-oggetti, pero` dan il-fatt

certament m'ghandux imur kontra l-atturi u b'mod specjali meta l-konvenut appellant ma ghamel ebda prova konkluziva illi dawn l-oggetti, jew uhud minnhom, kienu tieghu. Minhabba ghal fatt illi kull wahda mill-imsemmija tlett familji kienu biss involuti fil-kawzi taghhom u ma kienux parti fil-kawzi ta' l-ohrajn, l-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet tajjeb billi irriservat kull dritt spettanti lill-atturi '*si et quatinus*' fuq l-istess oggetti.

C. L-ewwel Qorti "ma haditx konjizzjoni" tan-nota illi l-konvenut appellant qal illi ipprezenta fid-9 ta' Jannar 2001 ghaliex dina n-nota kienet tardiva! Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2000, l-istess Qorti kienet iddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-26 ta' Jannar 2001 bil-fakolta` ghall-konvenut illi jaghmel nota bil-visto tal-kontro-parti sa l-20 ta' Dicembru 2000. Din in-nota ma saritx u certament, bhalma jaf ben tajjeb l-istess konvenut, wisq anqas ma giet notifikata lill-Avukat sottoffirmat. Ghall-finijiet tal-korrettezza lanqas in-nota li allegatament giet ipprezentata fid-9 ta' Jannar 2001 ma giet notifikata lil Dr Francis Lanfranco.

D. B'risposta ghall-allegazzjonijiet tal-konvenut appellant fir-rikors tieghu taht il-kap indikat bhala "ir-raba' aggravju", a skans ta' repetizzjoni inutili, l-appellati jirreferu ghal dak illi diga` intqal fuq b'rigward ta' dan il-punt u jikkonfermaw illi huma ghamlu l-aqwa prova skond il-ligi u li permezz taghha l-oggetti mobbli in kwistjoni jirrizultaw bl-aktar mod car illi huma ta' proprjeta` esklussiva taghhom.

**<u>IR-RISPOSTA TAR-REGISTRATUR TAL-QRATI U TAL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA</u>**

4. Dawn wiegbu hekk:

(i) Rigward l-appell tal-konvenut appellant Francis Vella, dwar "it-titolu o meno ta' l-atturi appellati ghal dawn l-oggetti", jigifieri dwar il-mertu ta' l-ewwel talba ta' l-atturi, l-esponenti m'ghandux interess f'dan l-istadju li jippronunzja ruhu.

(ii) Rigward il-kompetenza ta' l-ewwel Qorti, mhux il-kaz li l-esponenti titlob ir-revoka, pero` ghandha tkun konfermata l-inkompetenza ta' dik l-istess Qorti pendenti

proceduri kriminali, fid-dawl tac-cahda tat-tieni talba ta’ l-atturi appellati, stante li t-talbiet attrici kienu, mhux biss li l-Qorti tiddikjara t-titolu ta’ l-oggetti in kwistjoni, imma li tikkonsenjahom lura lilhom;

(iii) Rigward it-tempestivita` ta’ l-azzjoni, id-decizzjoni ta’ l-ewwel Qorti ghandha tkun konfermata;

(iv) Rigward il-legittimita` tal-kontradittur esponenti quddiem l-ewwel Qorti, id-decizzjoni dwar l-istess legittimita` ghandha tkun ukoll konfermata;

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

5. Wara li jaghti in succint il-verzjoni tieghu tal-fatti, il-konvenut iressaq erba’ (4) aggravji dwar is-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-ewwel grad, jigifieri li:

(a) il-prova li rnexxielu jaghmel il-konvenut in konnessjoni mal-proprjeta` ta’ l-oggetti mobbli mertu tal-kawza ma kenitx inferjuri f’dik li hija kredibbilta` jew konsistenza minn dik migjuba mill-atturi. L-atturi ma ppruvawx suffincjentement li l-oggetti mobbli *de quo* kienu tassew taghhom.

(b) il-provi cirkostanzjali juru li hemm l-possibilita` illi mill-istess oggett jezistu iktar minn kopja wahda u li allura l-oggett partikolari li jinsab fl-arkivji tal-Qorti jista’ ma jkunx l-istess oggett li gie misruq mid-dar ta’ l-atturi.

(c) min-nota li l-konvenut ipprezenta quddiem l-ewwel Qorti fid-9 ta’ Jannar 2001, esebita mill-gdid mar-rikors ta’ appell, jidher li kien jezisti konflitt bejn l-appellati u terzi dwar l-appartinenza ta’ xi whud mill-oggetti *de quo*. L-ewwel Qorti ma jidhirx li hadet kont ta’ din in-nota kjarifikatorja esebita mill-konvenut fil-mori tal-kawza.

(d) meta l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba ta’ l-atturi, l-istess Qorti kienet zbaljata ghaliex xorta baqa’ d-dubju dwar liema huma sewwa sew dawk l-oggetti li setghu jitqiesu bhala proprjeta` ta’ l-atturi. Din il-prova kienet tispetta lill-atturi u ma saritx fil-grad rikjest u b’mod konklussiv.

6. Jidher evidenti li dawn l-erba' (4) aggravji huma intimament konnessi ma' xulxin. Effettivament dak li qieghed jissottometti l-konvenut appellant f'dawn l-aggravji hu li minn ri-evalwazzjoni tal-provi li ghandha taghmel din il-Qorti ta' l-Appell, hemm x'juri li l-apprezzament maghmul u l-konkluzjoni raggunta mill-Qorti ta' l-ewwel grad kienu zbaljati.

7. Din il-Qorti ghandha qabel xejn tosserva li hija prassi stabbilita taghha li ma tiddisturba qatt leggerment dik l-evalwazzjoni tal-provi li tkun saret mill-Qorti ta' ewwel grad jekk mhux ghal raguni jew ragunijiet serji li jkunu juru xort' ohra. Dan ukoll ghaliex l-ewwel Qorti tkun tinsab fl-ahjar qaghda li tisma', tikkontrolla u tgharbel il-provi migjuba direttament mill-kontendenti quddiemha.

Dan maghdud minn qari akkurat tas-sentenza appellata, jirrizulta evidenti fi kwalunkwe kaz li l-ewwel Qorti effettivament gharblet sew l-istess provi qabel ippronunzjat ruhha fis-sentenza mertu ta' dan l-appell. L-ewwel Qorti mhux talli ma dehrilhiex li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut dwar l-oggetti <u>*de quo*</u> kienet anqas kredibbli u affidabbli minn dik moghtija mill-atturi, imma sahansitra ddeskriviet il-provi attrici bhala "skjaccanti". Huwa minnu li certi oggetti gew reklamati minn terzi u di fatti llum stess sejra tinghata decizjoni ohra fil-konfront tal-konvenut appellant ad istanza ta' terzi li wkoll agixxew gudizzjarjament kontra tieghu bhalma ghamlu l-atturi fuq il-premessa li kien hemm fil-pussess tieghu oggetti li kienu jappartjenu lilhom – hekk ara kawza fl-ismijiet: "Ian Ellis et – vs – Francis Vella et "(Citaz. Numru 730/94), pero` b'daqstant ma jfissirx li l-konvenut seta' jghid li hemm il-probabilita` li xi whud mill-oggetti kienu allura tieghu u mhux ta' l-atturi.

8. Mill-provi akkwiziti jirrizulta li fl-1983 l-atturi appellati kienu garrbu zewg serqiet li gew kommessi fi proprjeta` taghhom sitwata fil-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, imnejn kienu insterqu kwadri, bcejjec ta' ghamara u oggetti dekorattivi u ta' antikwarjat. Fl-istess waqt jirrizulta wkoll li mill-proprjeta` tal-konvenut gew elevati diversi

oggetti li dwarhom saru diversi "*claims*" minn terzi li rreklamawhom bhala li kienu taghhom, fosthom l-atturi. Huwa minnu li l-konvenut appellant ghamel il-prova li minn zghozitu huwa kien jinteressa ruhu attivament filli jikkollezzjona u jinnegozja f'oggetti mobbli ta' certu valur jew pregju bhalma huma ghamara, muniti, bolli u oggetti dekorattivi. Izda, nonostante din il-prova, il-konvenut qatt ma rnexxielu jgib prova li l-oggetti reklamati mill-atturi kienu tieghu. Bhala provenjenza, ta' dawn l-oggetti huwa jsemmi b'mod vag u generiku nies li xi whud minnhom illum huma mejta; jirreferi ghal ricevuti li suppost qeghdin f'idejn il-pulizija imma li ma gewx esebiti; jannetti stqarrijiet ta' persuni li maghhom innegozja bhal fil-kaz tar-Reverendu Dun Gorg Grima fejn pero` dan jghid li bieghlu muniti. Dwar din il-prova da parti ta' l-appellant izda jirrizulta wkoll b'mod mill-izjed lampanti li f'dan "in-negozju" l-konvenut xejn ma kien joqghod lura milli jaghmel "akkwisti" bi provenjenza dubbjuza u suspettuza jekk mhux addirittura illecita. Fil-fatt jirrizulta li l-konvenut spicca biex gie investigat mill-pulizija u mir-residenza jew proprjeta` immobiljari ohra fil-pussess tieghu gew elevati ghadd ta' oggetti li l-provenjenza taghhom kienet taghti lok li jmur lil hinn minn semplici suspett fis-sens li dawn ma kenux gew akkwistati legittimament. Anke l-istess konvenut *ex admissis* jistqarr dan kollu mas-Supretendent Daniel Gatt, wiehed mix-xhieda prodotti mill-atturi appellati. Din il-Qorti taghmel, per ezempju, riferenza ghal dak li ddepona in kontro-ezami s-supretendent Gatt fejn *inter alia* (ara parti mid-deposizzjoni tieghu fis-seduta tas-27 ta' Jannar 1999, a fol. 100 – 103 tal-process) qal hekk:

"Dr. Edwina Grima: Jigifieri s-sur Frans Vella qallek 'Isma', dawn sraqthom'?

Xhud: Iva .... Meta fqajna l-hajt u sibna l-affarijiet mohbijin wara l-hajt, l-affarijiet kif bdejt insib wara l-hajt (sic), affarijiet tad-deheb, ta' fidda, affarijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' knejjes ..."

X X X

(fol. 102)

"Jien nghidlek li hadna wkoll sufan fuq dak li qalli s-Sur Vella, ghax qalli 'Dan mhux bis-sewwa!' Hadtu wkoll. Mela ha nhallih hemmhekk!"

X X X

(fol. 103)
"Il-Qorti: Takhom ircevuti (ta' l-oggetti) l-ewwelnett? Takhom ricevuti Supretendent?
Xhud: Le, le, kien hemm xi affarijiet li wrieni xi ricevuti taghhom, pero` hafna mill-affarijiet li fuqhom kien hemm xi akkuzi, Sur Imhallef, ma kien hemm l-ebda ircevuta, fis-sens illi hafna mill-affarijiet is-sur Vella kien qalli minn fejn gabhom ......"

Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, certament ma hija konvinta bl-ebda mod li l-konvenut Vella ressaq prova cara li l-oggetti mertu ta' din il-vertenza kienu tassew tieghu.

9. Minbarra dan, jidher li l-konvenut ried jiehu xi forma ta' vantagg mill-fatt li dwar il-provenjenza ta' xi whud mill-oggetti elevati minghandu mill-Pulizija kien hemm kontestazzjoni minn terzi oltre l-atturi, jigifieri fejn dawn ippretendew li kienu taghhom. Ghalkemm bhala fatt huwa minnu li kien hemm tali pretensjoni minn aktar minn fonti wahda dwar l-oggetti, xorta wahda dan kollu ma jiggjova xejn lit-tezi ta' l-appellant li l-oggetti setghu kienu tieghu. Dan ukoll peress li effettivament l-ewwel Qorti "irnexxielha" inoltre tiddisponi billi tiddeciedi hi dwar il-provenjenza ta' l-oggetti li dwarhom kien inxtehet dubju. Fl-ebda kaz minnhom ma gie konkluz mill-Qorti ta' l-ewwel grad li l-oggetti setghu kienu tal-konvenut. Din il-Qorti hija tal-fehma li dak li gie kkostatat u finalment deciz mill-ewwel Qorti kien gust u korrett u ma hemm lok ghal ebda varjazzjoni fis-sentenza appellata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenut Francis Vella bl-ispejjez ta' dan l-appell a kariku tieghu; l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghall-ewwel istanza jibqghu invarjati u kif gie deciz dwarhom minn dik il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------